**Dispożittiv**

L-Artikoli 63 u 65 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dak inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali, li skontha d-dividendi mqassma minn kumpanija residenti huma suġġetti għal taxxa li r-rata effettiva tagħha hija ogħla meta jinġabru minn persuna ġuridika residenti f'pajjiż terz li ma teżerċitax attivitajiet ta' natura kummerċjali, industrijali jew agrikola prinċipalment, milli meta tali dividendi jinġabru tali persuna ġuridika residenti fl-imsemmi Stat Membru. Dan ma jkun il-każ biss jekk l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Fiskali bejn il-Kanada u r-Repubblika Portugiża, iffirmata fl-14 ta' Ġunju 1999, bil-għan li tiġi evitata t-taxxa doppja u jiġi evitat l-evitar tat-taxxa fir-rigward ta' taxxi fuq id-dħul, tagħmilha possibbli li jiġu nnewtralizzati l-effetti tad-differenza fit-trattament li tirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-imsemmi Stat Membru, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika dan.

(1) ĠU C 445, 10.12.2018.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-7 ta' Ottubru 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari ta Finanzgericht Hamburg – il-Ġermanja) - HA vs Finanzamt Hamburg-Barmbek-Uhlenhorst**

**(Kawża C-47/19)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Artikolu 132(1)(h) sa (j) – Diversi eżenzjonijiet marbuta mat-tfulija jew maż-żogħżija, l-edukazzjoni skolastika jew l-edukazzjoni universitarja – Tagħlim tas-surf u bburdjar għal skejjel u universitajiet – Vjaġġ tal-klassi)***

(2020/C 77/12)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Hamburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* HA

*Konvenut:* Finanzamt Hamburg-Barmbek-Uhlenhorst

**Dispożittiv**

1) Il-kunċett ta' "edukazzjoni skolastika jew universitarja" fis-sens tal-Artikolu 132(1)(i) u (j) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li din l-edukazzjoni ma tkoprix tagħlim li ma tkoprix it-tagħlim tas-surfing u bburdjar ipprovdut minn skejjel tas-surfing u bburdjar, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għal stabbilimenti edukattivi jew għal universitajiet, li fihom dan it-tagħlim jista' jaqa', rispettivament, il-programm ta' attivitajiet sportivi jew it-taħriġ ta' għalliema sportivi u jgħodd għall-finijiet tal-evalwazzjoni.

2) Il-kunċett ta' provvista ta' servizzi "marbuta mill-qrib mal-protezzjoni tat-tfal u ta' żgħażagħ", fis-sens tal-Artikolu 132(1)(h) tad-Direttiva 2006/112, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jkoprix it-tagħlim tas-surfing u bburdjar ipprovdut mill-iskejjel tas-surf u bburdjar, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, irrispettivament minn jekk dak it-tagħlim jingħatax bħala parti minn vjaġġ tal-klassi.

---

(1) ĠU C 131, 08.04.2019.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-21 ta' Jannar 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour d'appel d'Aix-En-Provence – Franza) – Eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew kontra MN**

**(Kawża C-813/19 PPU)** (1)

***(Rinviju preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Kwadru 2002/584/JHA – Artikolu 6(1) – Kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-mandat" – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva)***

(2020/C 77/13)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour d'appel d'Aix-En-Provence

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

MN

*Fil-preżenza ta'*: RJA, RJO, FD, BG, PG, KL, LK, MJ, NI, OH

**Dispożittiv**

L-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri, għandu jiġi interpretat fis-sens li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja li toħroġ il-mandat", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, il-maġistrati tal-prosekuzzjoni Franċiża, imqegħda taħt id-direzzjoni u l-kontroll tas-superjuri ġerarkiċi tagħhom kif ukoll taħt l-awtorità tal-Ministru tal-Ġustizzja abbażi ta' regoli statutorji u organizzattivi li huma suġġetti għalihom, peress li l-istatus tagħhom jikkonferilhom garanzija ta' indipendenza, b'mod partikolari fir-rigward tas-setgħa eżekuttiva, fil-kuntest tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew.

Id-Deċiżjoni Kwadru 2002/584 għandha tiġi interpretata fis-sens li r-rekwiżiti inerenti għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva li għandha tibbenefika minnha persuna li jkun inħareġ mandat ta' arrest Ewropew kontriha għall-finijiet ta' proċeduri kriminali huma soddisfatti meta, skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li joħroġ il-mandat, il-kundizzjonijiet ta' ħruġ ta' dan il-mandat u, b'mod partikolari, in-natura proporzjonata tiegħu jkunu s-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju f'dan l-Istat MEmbru.

---

(1) ĠU C 19, 20.1.2020.